Australian Government

myagedcare

Tirċievi r-riżultat tal-assessjar tiegħek | Tfittex il-provdituri tal-kura fid-dar u taħdem il-prezzijiet | Tkun assenjat/a pakkett ta' kura fid-dar | Tagħmel Ftehim ta' Kura fid-Dar | **Timmaniġġja s-servizzi tiegħek**

# Tibdel il-Provdituri – Lista ta' x'Tiċċekkja u Konsiderazzjonijiet

| X'GĦANDEK TIKKUNSIDRA | GĦALIEX |
|---|---|
| Nista' nibdel il-provdituri tal-kura fid-dar? | Iva. Inti tista' tibdel il-provditur meta trid, jekk iġġorr għal post ieħor jew tkun qed tfittex dak li jaqbillek aħjar.<br>Iċċekkja l-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar biex tkun taf b'xi kundizzjonijiet bħal perjodi ta' avviż u tariffi tat-tluq jekk jgħoddu. |
| Jinħtieġli nsib provditur ġdid qabel ma nitlaq il-provditur kurrenti? | Għas-serħan ta' moħħok u biex tnaqqas xi interruzzjoni fis-servizzi tiegħek għandek tibda tfittex il-provdituri qabel ma tiftiehem fuq meta tispiċċa minn mal-provditur preżenti. Tista' ssib providuturi fl-inħawi tiegħek billi tuża l-għodda **Find a service** f' **www.myagedcare.gov.au** jew billi ċċempel My Aged Care fuq **1800 200 422**.<br><br>Skont *Iċ-Ċarter tad-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet ta' Min Jirċievi l-Kura fid-Dar, inti għandek ir-responsabbiltà li tgħid* lill-provditur tal-ġurnata li beħsiebek ma tibqax tirċievi s-servizzi tal-kura fid-dar. |
| Kif nibdel il-provdituri? | Ikun jinħtieġlek tikkuntattja lill-My Aged Care biex terġa tuża l-kodiċi tar-riferiment tiegħek. Tinħtieġ dan il-kodiċi tar-riferiment biex tagħtih lill-provditur il-ġdid tiegħek qabel ma tkun tista' tibda tirċievi s-servizzi tagħhom.<br><br>Meta dan il-kodiċi riattivat tar-riferiment ikun aċċettat mill-provditur ġdid tiegħek, tintbagħat notifikazzjoni lill-provditur preżenti tiegħek biex tgħarrafhom li inti qed taħseb biex tibdel il-provdituri. Din mhijiex l-avviż uffiċjali tiegħek u inti għandek tiddiskuti mal-provditur preżenti tiegħek biex tiftehmu formalment dwar id-data ta' tmiem is-servizzi kurrenti tiegħek. |
| X'tul ta' żmien għandi biex nagħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar ma' provditur ġdid? | Darba li tkun ftehimt meta tispiċċa minn mal-provditur preżenti tiegħek, ikollok 56 ġurnata mid-data tat-tmiem biex tagħmel Ftehim ma' provditur ġdid. Jekk tkun tinħtieġ iktar żmien allura ċempel My Aged Care u itlob estensjoni ta' 28 ġurnata.<br><br>Jekk ma tkunx għamilt Ftehim matul dan iż-żmien il-pakket tal-kura fid-dar tiegħek jiġi rtirat.<br><br>Id-data tal-bidu mal-provditur ġdid tiegħek trid tkun wara d-data tat-tmiem li tkun ftehimt fuqha mal-provditur antik u d-dati ma jistgħux ikunu l-istess. |
| Se jkolli nħallas xi somma tat-ħruġ? | Somom tal-ħruġ mil-ftehim jistgħu jkunu ċċarġjati minn provditur jekk tiddeċidi li tmur ma' provditur ieħor tal-kura fid-dar. Għandek tirrevedi l-Ftehim tiegħek għall-Kura fid-Dar biex tiċċekkja jekk għandekx tħallas xi somma tal-ħruġ.<br><br>Is-somma tal-ħruġ (jekk applikabbli) titnaqqas minn xi fondi li ma jkunux intefqu mill-pakkett tiegħek. Din is-somma ma tistax tkun iktar mill-fondi mhux użati tiegħek jew minn dak li jkun imniżżel fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar. |

| | |
|---|---|
| X'jiġri mill-fondi li ma jintefqux? | Jekk ikun hemm fondi li ma ntefqux fil-pakkett tiegħek (wara li jkunu tħallsu l-ispejjeż u t-tariffi kollha) dawn jiġu miegħek għand il-provditur ġdid tiegħek. Biex dan isir, inti trid tagħti lill-provditur antik tiegħek fi żmien 56 ġurnata minn meta tispiċċa s-servizzi tiegħek minn magħhom, id-dettalji tal-provditur ġdid tiegħek. Il-provditur antik tiegħek għandu jagħtik rapport li juri l-fondi li ma ntefqux fi żmien 56 ġurnata minn wara d-data miftehma biex tispiċċa minn magħhom. U mbagħad jittrasferixxi l-fondi li ma ntefqux lill-provditur ġdid tiegħek fi żmien70 ġurnata mid-data miftehma tat-tmiem. |
| Jekk kont nirċievi l-kura fid-dar qabel l-1 ta' Lulju 2014 l-arranġamenti tat-tariffi tiegħi jkunu affettwati jekk nibdel il-provdituri? | Trid tagħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar ma' provditur ġdid fi żmien 28 ġurnata biex tkompli bl-istess arranġamenti tat-tariffi.<br><br>Jekk tieħu iktar minn 28 ġurnata biex tagħmel Ftehim tal-Kura tad-Dar ġdid, l-arranġamenti ġodda tat-tariffi li bdew fl-1 ta' Lulju 2014 ser jgħoddu għalik. |

## LISTA TA' X'TIĊĊEKKJA

- ☐ Irrevediit-termini u l-kundizzjonijiet tal-Ftehim li għandek tal-Kura fid-Dar biex tkun taf b'xi tariffi jew perjodi ta' avviżi meta tibdel il-provdituri.
- ☐ Agħmel lista ta' provdituri fl-inħawi tiegħek:
  - Uża s-Service Finder fil-websajt ta' My Aged Care **www.myagedcare.gov.au** jew
  - Ikkuntattja My Aged Care fuq **1800 200 422**
- ☐ Iddeċidi liema provditur jaqbel għalik u ċċekja jekk humiex kapaċi jipprovdulek is-servizzi li tinħtieġ.
- ☐ Ftiehem mal-provditur li għandek dwar id-data meta jispiċċaw is-servizzi. Ftakar li għandek 56 ġurnata (jew 84 ġurnata jekk tkun tlabt estensjoni) minn din id-data biex tiffirma Ftehim tal-Kura fid-Dar ma' provditur ġdid.
- ☐ Ikkuntattja l-My Aged Care biex terġa tagħmel attiv il-kodiċi tar-riferiment tiegħek. Il-provditur ġdid tiegħek ikun jinħtieġ dan il-kodiċi tar-riferiment qabel ma jkunu jistgħu jibdew iwasslulek is-servizzi.
- ☐ Aħdem mal-provditur ġdid tiegħek biex tiżviluppa jew tirrevedi l-pjan tal-kura tiegħek.
- ☐ Ftiehem dwar meta tibda s-servizzi mal-provditur ġdid u agħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar. Ftakar li d-data tal-bidu trid tkun wara d-data ta' meta spiċċajt minn mal-provditur l-ieħor.
- ☐ Agħti lill-provditur antik tiegħek fi żmien 56 ġurnata minn meta tispiċċa s-servizzi tiegħek magħhom id-dettalji tal-provditur ġdid tiegħek biex il-fondi li ma ntefqux jkunu jistgħu jinġarru miegħek.
- ☐ Iċċekkja li l-fondi li ma jkunux intefqu jkunu ġew trasferiti mingħand il-provditur antik tiegħek għal għand il-provditur ġdid tiegħek fi żmien ta' 70 ġurnata mid-data miftehma biex jispiċċaw is-servizzi.